# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77

7 ta' Frar, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattiċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 77**

77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 76 – 8;
77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
77.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
77.5 Rapport ta' kull kwart Ott-Diċ 2017;
77.6 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2017;
77.7 L-Estimi Annwali 2018;
77.8 Tender: SNTLC 01/2017 Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta' Sannat with a pattern monolithic Concrete System;
77.9 Tender: SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna, Ta' Sannat with hot rolled Asphalt;
77.10 Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat 2018;
77.11 Ilmenti u Suġġerimenti;
77.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2018;
77.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

77.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-imejl ta' apoloġija ta' l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

77.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Cassar Sultana ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa peress li nqalgħu esigenzi familjari u kellha tassisiti persuna tal-familja fi klinika. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

77.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru 76 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

77.3.1 Is-Sindku qal li bħal ma jafu l-Kunsillieri preżenti l-Laqgħa Annwali Pubblika li kienet prevista li ssir nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2018, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, fil-5.00 p.m. ma saritx peress li ħadd mill-pubbliku ma kien preżenti.

77.3.2 Is-Sindku qal li s-Sur Gilbert Cini reġa kiteb permezz tal-imejls fejn qed jitlob il-permess mingħand il-Kunsill biex nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju 2018 jkun jista jgħamel ir-riċeviment tat-tieġ tiegħu fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jgħati dan il-permess biss mhux qed jaqbel ma dawn il-kundizzjoniiet li s-Sur Cini qed jitlob apparti dan is-Sur Cini għadu ma ppreżentax dak kollu rikjest biex il-Kunsill ikun jista joħroġ dan il-permess. Il-Kunsill qabel li ser jieħu l-pariri mingħand l-Avukat tal-Kunsill u jibgħatlu risposta bl-imejl bil-kundizzjonijiet li hemm bżonn biex isir dan sakemm il-Bye-Law li għandu l-Kunsill dwar l-attivitajiet fil-beraħ tkun fis-seħħ.

77.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mitlub li jipparteċipa f'Earth Day Clean Up 2018 u li l-Kunsill applika. Il-Kunsill ma qabilx ma din l-attivita' peress li dan l-aħħar fil-lokalita' saret attivita' simili mill-istudenti tal-MCAST.

77.3.4 Is-Sindku qal li Valletta 18 ser ittella' attivita' bl-isem Ġaħan 18 għat-tfal u ż-żgħażagħ: Nifthu l-Bieb ma' Ġaħan. Din l-inzjattiva mmexxija mill-grupp mużikali dinamiku, Tikka Band, se tesplora d-divertiment u l-logħob, il-wirt mużikali Mediterranju, il-Kulturi tal-pajjiżi ġirien u kwistjonijiet ambjentali, permezz tal-mużika interattiva. F' Għawdex din l-attivita' ser issir fis-6 ta' Mejju 2018 fil-lokalita' Ta' Sannat. Din il-kumpanija għażlet il-post Tal-Bidwi Park biex l-attivita' ssir f'dan il-ġnien.

77.3.5 Is-Sindku qal li l-laqgħa li jmiss tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser issir nhar is-Sibt 24 ta' Marzu 2018, fid-Dolmen Hotel Buġibba u li hu se jattendi, l-Viċi Sindku qalet li għada ma tafx jekk hux ser tattendi wkoll. Il-Kunsill ipprepara l-ħlas għal attendenza tas-Sindku.

77.3.6 Is-Sindku qal li EcoGozo qed titlob li tinstalla Bicycle Stands madwar Għawdex. Il-Kunsill qabel

li dawn għandhom jiġu nstallati fejn il-Playingfield fi Triq Marziena u fi Triq Ta' Ċenċ fil-pjazzetta fejn il-Hotel Ta' Ċenċ.

77.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li se tiġi orġanizza Ħarġa għal Malta. Id-data se tigi stabilita meta niċċekjaw x'attivitajiet hawn fil-lokalita' biex din ma taħbat ma l-ebda attivita' oħra. Din il-ħarġa ser issir fix-xahar ta' Marzu qabel l-Għid.

77.3.8 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tintbgħat komunikazzjoni lill-entitajiet u korporazzjonijiet biex naraw jekk hemmx xi servizzi li jridu jiġu mibdula minn taħt it-triq fi Pjazza Santa Margerita biex meta jsiru x-xogħolijiet ma ssirx ħsara bla bżonn.

## 77.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

77.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed jiġu ppreparati d-dokumenti għal ħruġ tat-Tenders għal:
SNTLC 02/2018 Service of Urban Street Sweeping and Cleaning in Ta' Sannat
SNTLC 03/2018 Consturction of Pavements at Ta' Sannat
Dwar t-tender tas-Service of Urban Street Sweeping and Cleaning din diġa ntbgħatet għand il-Procurment – DLG, malli l-Kunsill jkollu risposta dwar dawn id-dokumenti joħroġ l-Avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern u toħroġ bis-sistema tal-epps.

77.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Maria Cassar Sultana bgħatet 3 artikli għal ktieb dwar Ta' Sannat.

77.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Uffiċjal Eżekuttiv qed titlob li mis-salarju tagħha titnaqqas taxxa addizjonali aktar minn dak maqtuħ fl-aħħar ta' kull xahar. Il-Kunsill għandu jara jekk dan jistax isir.

77.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ġie mistieden jattendi u se jattendi għal kors dwar the Second National Action Plan of Green Public Procurement 2018-2020 li se jsir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018.

77.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infornma lill-Kunsill li l-Gozo Action Group Foundation qed jitlob l-ħlas għas-sħubija ta' din is-sena. Is-Segretarju qal li hu diga kiteb għal struzzjoni mid-Dipartiment fejn qal li l-Kunsill irid jibgħat informazzjoni dwar dan il-ħlas. Il-Kunsill qabel li din il-Fondazzjoni titħallas.

77.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva imejl dwar l-ilment li kien għamel għand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar d-drainage recycling plant fejn dawn qalu li l-Awtorita' tal-Ippjanar rċeviet talba għal proċess "Sanctioning minor variations from PA 4584/06 & proposed upgrade of existing bovine farm D327 according to policy 2.3A of the rural Policy and Design Guidance with the capacity to process affluent from other farm, u b'hekk qalu li dan il-każ huwa meqjus bħala magħluq. Sadanitatnt nfurmawna li din it-talba għadha fil-bidu u għadha ma ġietx ikkonfermata applikazzjoni mal-Awtorita'.

77.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu talab kif maqbul mill-Kunsill, kwotazzjoni dwar 4 arbli tal-istainless steel b'Option A (arblu sħiħ) kanna sħieħa 70mm jiġu €1817.00 jew b'Option B (arblu maqsum) kanna maqsuma fi tnejn minn 70mm għal 60mm €2412.00. Dwar il-bnadar bil-logo tal-Kunsill 2x3 piedi €250 il-waħda u minn dawn il-Kunsill għandu bżonn 9. Il-Bnadar għal ma l-arbli tal-istainless steel b'qies ta' 8x5 piedi tal-Kunsill €110 tal-E.U €75 u tar-Regjun €115. Il-Kunsill qabel ma dawn u talab li dawn jiġu ordnati biex jintużaw meta jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel biex meta jitwaħħlu dawn l-arbli l-ġodda jinqalgħu dawk li

hemm fil-junction mall-ħajt tal-iskola.

77.4.8 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni nterna għal vakanza għal post ta' skrivan/a back to back se tagħlaq għada. F'każ li ma japplika ħadd il-Kunsill qabel li għandu jkompli b'dan il-proċess. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill li hemm bżonn li jinħatar bord għal din l-għażla. Il-Kunsill qabel li l-bord għal dan il-post biex jipproċessa l-applikazzjonijiet ser ikun kompost mis-Sindku bħala Chairman, il-Viċi Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv bħala membri tal-bord tal-għażla filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun s-Segretarju ta' dan il-bord.

77.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ssa hemm żewġ Diretturi u għalhekk għandhom ir-referenzi tagħhom DLG jew SPI.

| | |
|---|---|
| Ċirkularijijiet - DLG | |
| Nru. 2/2018 | Hatra ta' Direttur ġdid fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali |
| Nru. 3/2018 | Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2017 |
| Nru. 4/2018 | Migrazzjoni minn https://lc.gov.mt għal https://mylocality.gov.mt |
| Ċirkulari - SPI | |
| Nru. 1/2018 | Skema – Korsijiet Lifelong Learning 2018-2019 |

## 77.5 Rapport ta' kull kwart Ott-Diċ 2017

77.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex l-Accountant li kienet preżenti għal din il-laqgħa tippreżenta r-Rapport ta' kull kwart Ott – Diċ 2017. Dan ġie spjegat mill-Accountant. Dan ġie approvat mill-Kunsill u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 77.6 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2017

77.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa talab lill-Kunsill biex l-Accountant tippreżenta r-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2017 fejn għal din is-sena l-Kunsill għamel surplus bl-ammont ta' €8782. Wara li dan ir-rapport ġie moqri u spjegat fid-dettal mill-Accountant, dan ġie approvat unanimament mis-Sindku u l-Kunsillieri. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport biex jintbgħat fil-ħin lill-Awdituri, lill-Awditur Ġenerali u lid-Direttur – Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 77.7 L-Estimi Annwali 2018

77.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex Accountant tispjega l-Estemi Annwali 2018. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex din is-sena nimxu kemm jista jkun ma dan il-baġit. Il-Kunsill qabel ma dan u dan ġie approvat.

## 77.8 Tender: SNTLC 01/2017 Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta' Sannat with a patterned monolithic Concrete System

77.8.1 Is-Sindku qal li wara li l-bieraħ l-bord aġġudika finalment it-Tender SNTLC 01/2017 Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta' Sannat with a patterned monolithic concrete system u kien ġie mitlub mingħand 3 kuntratturi jekk hux ser ikun hemm sub-contrators u li 2 minn dawn wieġbu, ir-rapport tal-bord qal li l-irħas offerta hi dik ta' Peter Paul Said bl-ammont ta'

€10214.00ċ vat mhux inkluż. Il-Kunsill qed jistenna r-rapport tal-aġġudikazzjoni mingħand il-bord. Sadanittant il-Kunsill għandu jinforma lill-Perit biex il-Kunsill japplika għal fondi tal-Urban Improvement Fund mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 77.9 Tender SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna, Ta' Sannat with hot rolled asphalt

77.9.1 Is-Sindku qal li t-Tender SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna, Ta' Sannat with hot rolled asphalt, id-dokumenti tat-tender jinsabu għand il-procurment fi ħdan id-DLG biex malli l-Kunsill ikollu risposta jkun jista joħroġ l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern u toħroġ bis-sistema tal-epps.

## 77.10 Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat 2018

77.10.1 Is-Sindku qal li Jum Sannat it-28 ta' April din is-sena ser jaħbat is-Sibt u għalhekk il-Kunsill qabel li bħas-sena l-oħra din l-attivita' ssir fis-sala tal-iskola primarja. Il-Kunsill qabel ukoll li jistieden lis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita fejn jitlob lil din is-Soċjeta' ttelgħa programm mużikali biex waqt din l-attivita' jingħata l-Premju Ġieh Sannat 2018. Il-Kunsill għandu jaħseb biex joħroġ l-applikazzjoni għal dan il-premju. Il-Kunsill se jaħtar bord għal dan il-premju. Il-Kunsill qabel biex waqt din l-attivita', l-Kunsill jipprepara feature dwar ix-xogħolijiet li twettqu matul is-sena 2017.

## 77.11 Ilmenti u Suġġerimenti

77.11.1 Margaret Sciberras ta' Triq il-Kbira qed titlob li tiġi rranġata bankina fi triq faċċata ta' Anġlu tal-pasti. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u se jara tistax tiġi rranġata mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

77.11.2 Mill-Monitoring tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nfurmawna li rċevew ilmenti dwar indafa u tabelli bla direzzjoni fi Triq Ta' Ċenċ u Triq Marsilja. Il-Kunsill qabel li għandu jara dawn it-tabelli biex filkas isir il-bdil tagħhom.

77.11.3 Mill-Monitoiring tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nfurmawna li rċevew ilment dwar bżonn ta' iktar indafa fil-playing field fi Triq Marżiena, globi mkisra, bankijiet iridu ż-żebgħa u jitwaħħlu xi bricks f'posthom. Il-Kunsill diġa ħa l-inizzjattiva biex dan ix-xogħol isir.

77.11.4 Mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bgħatu dwar ilment li fi Triq 28 ta' April, 1688 kien hemm bagalja fi triq u fanal miksur. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar il-bagalja din inġabret minn tal-bulky nhar it-Tlieta u rigward il-fanal skond il-kunttattur qal li dan ilu ordnat 3 xhur.

77.11.5 Karkanja Ltd qed jitlob li fejn għandu l-bini l-ġdid fi Triq Skerla jitneħħa arblu tad-dawl mill-kantuniera, isir it-tarmak fi triq madwar il-binja peress li dan daħal il-ġewwa skond il-linja u biex issir bankina ġdida madwar din il-binja. Il-Kunsill għandu jibgħat lill-EneMalta dwar dan l-arblu u l-Ministeru għal Għawdex dwar it-triq u l-bankina.

77.11.6 Antoine Grech qed jitlob biex tiġi rranġata l-bankina ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Il-Kunsill qabel li se joħroġ sejħa biex ikollu kuntratt ġdid għal kostruzzjoni tal-bankini.

77.11.7 Il-Ħaddiema assenjati mall-Kunsill talbu biex il-Kunsill jinvesti f'mutur għal qtugħ tal-ħaxix. Il-Kunsill qabel ma dan.

77.11.8 Il-Kunsill qabel li jwaħħal dogs bin fit-tarf ta’ Triq 28 ta’ April 1688.

## 77.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 2/2018

77.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 2/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill . Kopja ta din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 77.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

77.15.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.08 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta’ Marzu 2018, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 13 ta’ Marzu, 2018

**(iffirmata)**

Philip Vella
Sindku

**(iffirmata)**

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv